MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru 1378/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Anthony Agius)

vs

Rita Agius
-Omissis-

Il-Qorti,

Il-kawza f’dan l-istadju qeghdha tittratta biss lill-imputata Rita Agius u ser tigi deciza biss fil-konfront taghha.

L-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha (karta ta’ identita’ numru 183057M) huma:

1. li fis-7 ta’ Novembru 2007 ghall-habta tas-1:15p.m. gewwa l-banka tal-lottu numru 101007 (numru antik 151)

fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommettiet serq ta' flus u 'mobile phone top-up vouchers' tal-Go Mobile u Vodafone, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Maria Carmela Camenzuli u/jew ta' persuni ohra;

2. li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Maria Carmela Camenzuli kontra l-volonta' taghha;

3. li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellha fuqha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, heddet bil-fomm lill-istess Maria Carmela Camenzuli b'delitt fejn flimkien dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

5. li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Carmela Camenzuli b'oggett iebes skont ma ccertifika Dr Manuel Fenech M.D. mill-Isptar San Luqa;

6. li rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, fil-konfront tal-imputata odjerna, li permezz tieghu baghat lill-imputata sabiex tigi ggudikata minn dina l-Qorti skont l-Artikli tal-ligi hemm citati.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza ssir sommarjament u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputata tinsab imputata fis-serqa tal-banka tal-lottu ta' Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun. Il-prosekuzzjoni tistrieh il-provi taghha fir-rigward l-imputata Rita Farrugia fuq il-fatt li f'din is-serqa kienet hi li saqet lill-ko-imputat Joseph Farrugia meta twettqet. Il-karozza tinsab posittivament identifikata bin-numru ta' registrazzjoni taghha HAE-738 u jirrizulta li kienet tghajjat lilha u jirrizulta univokament li kienet l-imputata li saqet lill-ko-imputat sal-inhawi fejn twettqet is-serqa.

Intant, hemm esebit il-process verbal regolarment kompilat, li abbinat max-xhieda relattiva prodotta, tipprova l-kaz tal-prosekuzzjoni dwar din is-serq minghajr ebda dubbju dettata mir-raguni.

Billi jinsab pruvat li l-imputat rrendiet ruhha komplici fiha stante li kienet hi li saqet lill-ko-imputat sal-inhawi fejn sehhet, izda mhux biss, billi stennietu biex jaghmilha u saqqietu lura, irrenduha ghal dan il-fatt biss hatja bhala komplici.

Il-Qorti m'ghandha lanqas l-icken dubbju li l-imputata kienet taf li kienet ser issir is-serqa.

Ghalhekk ser tinstab hatja tal-ewwel akkuza fejn tiffigura pero' bhala komplici. Dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet tali ma jirrizultawx kontra taghha u minnhom ser tigi liberata.

Rat fil-konfront taghha l-Artikli 42(d), 261(a)(c), 262(1)(c), 267 u 279(a) tal-Kap 9 u tikkundannaha sena prigunerija li huma sospizi ghal sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 sakemm ma tikkommettiex reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Rat l-Artiklu 533 tal-Kap 9 u tastjeni milli taghmel ordni ghal hlas ta' l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti konessi mal-kaz fil-konfront taghha.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------